Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2026/2054(INI)

24.7.2026

EMENDI
296 - 355

Abbozz ta' rapport
Jacek Protas
(PE789.932v01-00)

Il-politika ta’ koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE: tisħiħ tar-reżiljenza territorjali u l-kooperazzjoni transfruntiera
(2026/2054(INI))

Emenda 296
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jissottolinja*** li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	11. ***Jisħaq*** li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà; ***jisħaq li biex id-dritt li wieħed jibqa' jsir realtà, dan jirrikjedi politiki attivi favur il-familja, aċċess għall-akkomodazzjoni, għall-kura tas-saħħa, għall-iskejjel u għal impjiegi ta' kwalità għolja, kif ukoll inċentivi mmirati biex jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ jibqgħu u jirritornaw; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu t-tiġdid demografiku tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant bħala prijorità ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-Unjoni;***

Or. pl

Emenda 297
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u	11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u

jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà; ***barra minn hekk, jirrikonoxxi li r-residenti ta' reġjuni tal-fruntiera jiffaċċjaw dejjem aktar kostijiet għall-mobbiltà, peress li servizzi essenzjali, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u postijiet tax-xogħol ikunu ta' spiss f'post b'distanza konsiderevoli; iqis li hija politika prudenti għall-Unjoni li tappoġġja direttament it-tnaqqis ta' dawk l-ispejjeż għall-mobbiltà, inkluż permezz ta' sussidji għan-nefqa tat-trasport, sabiex jingħata effett prattiku lid-dritt li wieħed jibqa';***

Or. en

Emenda 298
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà; ***jisħaq li dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat b'mod effettiv biss jekk kundizzjonijiet lokali kompetittivi, impjiegi ta' kwalità, opportunitajiet b'saħħithom ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, servizzi affidabbli ta' interess ġenerali u investiment pubbliku u privat effiċjenti jipprovdu lin-nies bi prospetti fit-tul fir-reġjun ta' oriġini tagħhom;***

Or. de

Emenda 299
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jissottolinja*** li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	11. ***Jisħaq*** li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà; ***jissottolinja li t-tisħiħ tar-reżiljenza jirrikjedi wkoll investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, edukazzjoni ta' kwalità għolja, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, żvilupp tal-ħiliet u tagħlim tul il-ħajja, allinjati mal-ħtiġijiet reġjonali tas-suq tax-xogħol, sabiex jinħolqu impjiegi ta' kwalità, jinżamm u jiġi attirat it-talent, jitrawmu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant;***

Or. en

Emenda 300
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jissottolinja*** li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta'	11. ***Jisħaq*** li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta'

kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà; ***dan id-dritt jinkludi wkoll l-opportunità li wieħed jibda impjieg ta' kwalità għolja fis-setturi tal-industrija moderna, tal-loġistika, tat-teknoloġija u tas-servizzi relatati mar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, id-dritt li wieħed imexxi negozju, li jibbenefika minn servizzi pubbliċi moderni, li jirċievi standard għoli ta' edukazzjoni u li jipparteċipa fl-ekonomija bbażata fuq l-għarfien;***

Or. pl

Emenda 301
Marta Wcisło, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jissottolinja*** li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	11. ***Jisħaq*** li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali ***u l-koeżjoni***, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà; ***jenfasizza li, fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, id-dritt li wieħed jibqa' jirrikjedi wkoll appoġġ għall-intraprenditorija lokali, l-edukazzjoni vokazzjonali, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-aċċessibbiltà tat-trasport u impjiegi attraenti għaż-żgħażagħ, sabiex il-komunitajiet tal-fruntiera ma jiġux imġiegħla jagħżlu bejn ir-riskji għas-sigurtà u l-emigrazzjoni ekonomika;***

Or. en

Emenda 302
Dan-Ştefan Motreanu, Iuliu Winkler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà; ***jisħaq li biex jingħata effett prattiku lid-dritt li wieħed jibqa' jirrikjedi investiment f'impjiegi ta' kwalità, akkomodazzjoni affordabbli, indukrar tat-tfal, edukazzjoni, kura tas-saħħa, mobbiltà, konnettività diġitali u servizzi kulturali u komunitarji;***

Or. en

Emenda 303
Şerban Dimitrie Sturdza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà; ***jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tiżgura finanzjament adegwat u prevedibbli ta' miżuri mmirati***

biex iżommu u jattiraw il-popolazzjoni fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant;

Or. en

Emenda 304
Jacek Protas, Andrzej Buła, Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' ***fit-territorju huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, it-tiġdid demografiku u s-sigurtà tal-Unjoni u jinkludi d-dritt*** taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;	11. Jissottolinja li d-dritt li wieħed jibqa' ***għandu jinftiehem bħala dritt*** taċ-ċittadini li jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, jibdew familji u jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi ta' kwalità fir-reġjun ta' residenza tagħhom, inkluż f'żoni esposti għal pressjoni ġeopolitika u theddid għas-sigurtà;

Or. pl

Emenda 305
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq fuq l-importanza ewlenija tal-politika agrikola komuni għall-vijabbiltà tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, fejn l-agrikoltura tifforma l-bażi tal-ekonomija, l-impjiegi u l-istruttura soċjali; jappella biex il-bdiewa f'dawn ir-reġjuni jingħataw appoġġ għal introjtu stabbli u prevedibbli, protezzjoni kontra d-distorsjonijiet tas-suq li jirriżultaw mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, u mekkaniżmi ta' salvagwardja xierqa fil-kuntest tat-tkabbir tal-Unjoni; ifakkar li l-

liberalizzazzjoni unilaterali mill-Kummissjoni tal-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli Ukreni, imwettqa mingħajr valutazzjoni tal-impatt xierqa u mingħajr ma jitqiesu l-problemi li dan jikkawża fis-swieq tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, wasslet għal distorsjonijiet serji tas-suq u għal influss ta' prodotti u oġġetti agrikoli li ma jissodisfawx l-istandards tal-kwalità, tas-saħħa u tal-ambjent tal-UE li għalihom huma miżmuma l-produtturi tal-UE; jisħaq li l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni ġew imġarrba l-aktar mill-bdiewa u l-proċessuri fir-reġjuni tal-fruntiera; jesprimi, barra minn hekk, thassib serju dwar l-implikazzjonijiet tal-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Mercosur għall-agrikoltura Ewropea, u jappella għal reċiproċità ġenwina tal-istandards u klawżoli ta' salvagwardja effettivi biex jiġu protetti l-produtturi fir-reġjuni tal-fruntiera; jirrifjuta kwalunkwe dgħufija tal-politika agrikola komuni jew l-integrazzjoni tagħha fi skemi nazzjonali ċentralizzati, li jillimitaw l-aċċessibbiltà tagħha għall-bdiewa fir-reġjuni tal-fruntiera;

Or. pl

Emenda 306
Şerban Dimitrie Sturdza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jappella biex jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-kapital uman tal-Unjoni ddedikat għar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, strutturat madwar tliet direzzjonijiet komplementari: li jaċċellera l-iżvilupp tal-ħiliet f'setturi strateġiċi; li jappoġġja ż-żamma ta' talent eżistenti u r-ritorn ta' żgħażagħ li ħallew ir-reġjun; u li sistematikament jorbot kull proġett

ewlieni ta' investiment ma' komponent imfassal apposta ta' taħriġ vokazzjonali, żviluppat f'kollaborazzjoni ma' universitajiet, ċentri ta' taħriġ u atturi ekonomiċi; jenfasizza li infrastruttura mingħajr nies ma jkollhiex effett li jdum, u li r-reżiljenza demografika ma tistax tiġi separata mir-reżiljenza ekonomika;

Or. en

Emenda 307
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jappella biex jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-kapital uman tal-UE ddedikat għar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, strutturat madwar tliet direzzjonijiet komplementari: li jaċċellera l-iżvilupp tal-ħiliet f'setturi strateġiċi; li jappoġġja ż-żamma ta' talent eżistenti u r-ritorn ta' żgħażagħ li ħallew ir-reġjun; u li sistematikament jorbot kull proġett ewlieni ta' investiment ma' komponent imfassal apposta ta' taħriġ vokazzjonali, żviluppat f'kollaborazzjoni ma' universitajiet, ċentri ta' taħriġ u atturi ekonomiċi; jenfasizza li infrastruttura mingħajr nies ma jkollhiex effett li jdum, u li r-reżiljenza demografika ma tistax tiġi separata mir-reżiljenza ekonomika;

Or. en

Emenda 308
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifakkar fl-importanza li tissaħħaħ integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-programmi ta' finanzjament kollha tal-UE u jenfasizza r-rwol speċifiku tan-nisa, b'mod partikolari f'żoni tal-fruntiera, peress li huma għandhom rwol ewlieni fis-soċjetà ċivili u fit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u fl-istess ħin jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għas-suq tax-xogħol, kif ukoll biex ikollhom pagi ugwali u servizzi pubbliċi bħall-kura tas-saħħa u l-indukrar tat-tfal;

Or. en

Emenda 309
Dan-Ştefan Motreanu, Iuliu Winkler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jappella għal miżuri mmirati biex jinżammu u jiġu attirati ż-żgħażagħ u l-ħaddiema tas-sengħa u biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni tar-ritorn, inkluż l-appoġġ għall-intraprenditorija, it-taħriġ vokazzjonali, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, l-aċċess għall-akkomodazzjoni u r-riintegrazzjoni tal-familji li jirritornaw.

Or. en

Emenda 310
Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. jisħaq li dan jirrikjedi investiment

enormi fis-servizzi ta' interess ġenerali, fit-trasport lokali u fil-broadband, speċjalment fiż-żoni rurali u kostali tar-reġjun tal-Baħar Baltiku, sabiex jiġi indirizzat kif xieraq l-eżodu taż-żgħażagħ;

Or. de

Emenda 311
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jappella biex jiddaħħlu skemi ta' inċentivi speċjali għan-negozji fir-reġjuni tal-fruntiera u biex jinħolqu żoni ekonomiċi speċjali mfassla biex jappoġġjaw ir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;

Or. pl

Emenda 312
Jacek Protas, Andrzej Buła, Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jirrimarka li ħafna reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant qed jesperjenzaw depopolazzjoni fit-tul, popolazzjoni li qed tixjieħ u eżodu ta' żgħażagħ, li jimmina l-potenzjal ta' żvilupp tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jżommu s-servizzi pubbliċi; jisħaq li dawn il-fenomeni huma strutturali fin-natura tagħhom u jaffettwaw in-naħa kollha tal-Lvant tal-UE. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant fl-implimentazzjoni tal-istrateġija li jmiss dwar id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju; jappella biex il-pjanijiet ta' sħubija

nazzjonali u reġjonali fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 jinkludu impenji speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u ffinanzjati b'mod adegwat biex jinżammu u jiġu attirati r-residenti, inklużi skemi ta' self għal xerrejja għall-ewwel darba fuq termini preferenzjali, bonusijiet ta' żamma għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u għall-għalliema, għotjiet għax-xiri ta' art għal bdiewa żgħażagħ li beħsiebhom jistabbilixxu ruħhom fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, u infrastruttura kofinanzjata għall-indukrar tat-tfal u għall-kura tal-anzjani, b'enfasi partikolari fuq iż-żoni rurali f'riskju ta' depopolazzjoni;

Or. pl

Emenda 313
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jirrimarka li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tal-klima minħabba l-istruttura ekonomika, id-dipendenza storika fuq sorsi speċifiċi ta' enerġija u l-kapaċitajiet limitati ta' investiment tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rekwiżiti regolatorji u klimatiċi ma jpoġġux piżijiet sproporzjonati fuq dawn ir-reġjuni li jistgħu jipperikolaw il-kompetittività u s-sigurtà tagħhom; jisħaq li s-sigurtà tal-enerġija, inkluż l-iżvilupp tal-enerġija nukleari u d-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot tal-provvista, hija prerekwiżit għar-reżiljenza ta' dawn ir-reġjuni u għat-tmiem tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-materja prima mill-Federazzjoni Russa;

Or. pl

Emenda 314
Şerban Dimitrie Sturdza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jappella biex jiġu stabbiliti punti uniċi ta' servizz reġjonali għas-settur privat fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, li jipprovdu lill-kumpaniji b'aċċess integrat għall-finanzjament, b'servizzi ta' konsulenza, b'informazzjoni dwar is-suq, b'appoġġ għall-innovazzjoni u b'opportunitajiet ta' sħubija; jissottolinja li fir-reġjuni esposti għal riskju ġeopolitiku akbar, l-investituri privati jeħtieġu mhux biss strumenti ta' finanzjament iżda wkoll ċarezza, kontinwità u konnessjoni istituzzjonali;

Or. en

Emenda 315
Jacek Protas, Andrzej Buła, Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jisħaq li, fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, dan id-dritt huwa marbut direttament mar-reżiljenza territorjali, mat-tiġdid demografiku u mal-kapaċità tal-Unjoni li żżomm komunitajiet b'saħħithom tul il-fruntiera esterna tagħha; jirrikonoxxi li d-depopolazzjoni tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandha titqies mhux biss bħala sfida soċjali u ekonomika, iżda wkoll bħala theddida strateġika għas-sigurtà tal-Unjoni;

Or. pl

Emenda 316
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat is-settur tat-turiżmu, u dan ġie affettwat mill-gwerra, permezz ta' kampanji ta' finanzjament biex ir-reġjuni tal-fruntiera jiġu promossi bħala sikuri u stabbli, kif ukoll permezz ta' investiment fl-infrastruttura transreġjonali u l-iżvilupp tat-turiżmu termali (konvalexxenti);

Or. pl

Emenda 317
Jacek Protas, Andrzej Buła, Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jenfasizza li l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni fis-sigurtà u d-difiża fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant iridu jiġu kkomplementati – mhux sostitwiti – minn investimenti sostenibbli fin-nisġa soċjoekonomika ta' dawk ir-reġjuni; iwissi kontra kwalunkwe kompromess bejn l-infiq fuq is-sigurtà u l-investimenti ta' koeżjoni fit-tul, liema kompromess iwassal għal depopolazzjoni aċċellerata u għal tnaqqis reġjonali irriversibbli;

Or. pl

Emenda 318
Dan-Ştefan Motreanu, Iuliu Winkler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-għajnuna pubblika bħala strument meħtieġ biex jiġu żgurati l-kompetittività tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant u l-aċċess ugwali għas-Suq Uniku	***imħassar***

Or. en

Emenda 319
Jacek Protas, Andrzej Buła, Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11d. Jisħaq li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE jbatu minn nuqqasijiet strutturali ta' investiment privat, li jirriżultaw mill-pożizzjoni periferali tagħhom, mid-dgħufija istituzzjonali u mir-riskji ġeopolitiċi akbar li ffaċċjaw mill-2022; jirrimarka li l-biċċa l-kbira ta' dawn ir-reġjuni għandhom prestazzjoni taħt il-medja tal-UE f'termini ta' kapaċità ta' innovazzjoni, aċċess għas-suq u kwalità istituzzjonali;

Or. pl

Emenda 320
Dan-Ştefan Motreanu, Iuliu Winkler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jiġu riflessi l-vulnerabbiltajiet ġeopolitiċi fil-qafas ta' investiment futur tal-UE

Or. en

Emenda 321
Jacek Protas, Andrzej Buła, Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu żoni ekonomiċi speċjali ġodda u jespandu u jsaħħu dawk eżistenti fir-reġjuni kollha tal-fruntiera tal-Lvant, fejn il-qgħad strutturali, il-fruntieri magħluqa u l-ħruġ ta' investiment joħolqu vojt ekonomiku li l-istrumenti bbażati fuq is-suq waħedhom ma jistgħux jimlew;

Or. pl

Emenda 322
Jacek Protas, Andrzej Buła, Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11f. Jappella biex ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat jiġu adattati għas-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw l-investiment f'dawn iż-żoni b'mod aktar effettiv mingħajr pożijiet proċedurali eċċessivi; jisħaq li dawn ir-reġjuni jġarrbu spejjeż ġeopolitiċi u ekonomiċi sproporzjonati, u dan il-fatt jiġġustifika involviment pubbliku akbar biex jiġi attirat l-investiment privat; jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk il-qafas legali attwali huwiex flessibbli biżżejjed biex jindirizza l-isfidi strutturali eċċezzjonali li qed jiffaċċjaw dawn it-territorji;

Emenda 323
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandhom livelli differenti ta' vulnerabbiltà ekonomika, demografika, tas-sigurtà ***u*** territorjali u li l-ebda waħda mill-klassifikazzjonijiet territorjali eżistenti użati fil-politika ta' koeżjoni ma tkopri biżżejjed dawn id-differenzi; jissottolinja li l-ebda waħda mill-miżuri attwali ma tinkludi r-riskji għas-sigurtà bħala dimensjoni separata tal-koeżjoni territorjali; jirrimarka li s-sempliċi prossimità ġeografika mal-fruntiera esterna tal-Lvant ma tistax tkun l-uniku kriterju ta' eliġibbiltà, peress li ma tirriflettix l-iskala reali tal-isfidi strutturali, demografiċi u ekonomiċi ta' kull reġjun;	12. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandhom livelli differenti ta' vulnerabbiltà ekonomika, demografika, tas-sigurtà***,*** territorjali***, klimatika u ambjentali,*** u li l-ebda waħda mill-klassifikazzjonijiet territorjali eżistenti użati fil-politika ta' koeżjoni ma tkopri biżżejjed dawn id-differenzi; jissottolinja li l-ebda waħda mill-miżuri attwali ma tinkludi r-riskji għas-sigurtà bħala dimensjoni separata tal-koeżjoni territorjali; jirrimarka li s-sempliċi prossimità ġeografika mal-fruntiera esterna tal-Lvant ma tistax tkun l-uniku kriterju ta' eliġibbiltà, peress li ma tirriflettix l-iskala reali tal-isfidi strutturali, demografiċi u ekonomiċi ta' kull reġjun; ***jiddispjaċih li l-qafas eżistenti tal-għajnuna mill-Istat ma jirriflettix l-iżvantaġġi speċifiċi relatati mas-sigurtà tar-reġjuni tal-Fruntiera tal-Lvant; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat u r-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija sabiex l-esponiment għat-theddid għas-sigurtà jiġi rikonoxxut bħala kriterju distint, li jippermetti limiti massimi ogħla ta' intensità tal-għajnuna, limiti ogħla ta' notifika u flessibbiltà akbar għall-għajnuna operatorja f'dawn ir-reġjuni; jissottolinja r-rwol taż-żoni ekonomiċi speċjali biex jattiraw l-investiment lejn żoni tal-fruntiera strutturalment dgħajfa u jappella għal qafas tal-għajnuna mill-Istat li jappoġġja l-funzjonament effettiv tagħhom;***

Or. en

Emenda 324
Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandhom livelli differenti ta' vulnerabbiltà ekonomika, demografika, tas-sigurtà u territorjali u li l-ebda waħda mill-klassifikazzjonijiet territorjali eżistenti użati fil-politika ta' koeżjoni ma tkopri biżżejjed dawn id-differenzi; jissottolinja li l-ebda waħda mill-miżuri attwali ma tinkludi r-riskji għas-sigurtà bħala dimensjoni separata tal-koeżjoni territorjali; ***jirrimarka*** li s-sempliċi prossimità ġeografika mal-fruntiera esterna tal-Lvant ma tistax tkun l-uniku kriterju ta' eliġibbiltà, peress li ma tirriflettix l-iskala reali tal-isfidi strutturali, demografiċi u ekonomiċi ta' kull reġjun;	12. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandhom livelli differenti ta' vulnerabbiltà ekonomika, demografika, tas-sigurtà u territorjali u li l-ebda waħda mill-klassifikazzjonijiet territorjali eżistenti użati fil-politika ta' koeżjoni ma tkopri biżżejjed dawn id-differenzi; jissottolinja li l-ebda waħda mill-miżuri attwali ma tinkludi r-riskji għas-sigurtà bħala dimensjoni separata tal-koeżjoni territorjali; ***jinnota li l-mappa ppreżentata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Reġjuni tal-Fruntiera tal-Lvant tal-UE hija bbażata biss fuq livell ta' klassifikazzjoni territorjali uniku u ma tirriflettix il-prossimità ġeografika tar-reġjuni amministrattivi attwali mal-fruntiera esterna tal-Lvant tal-UE fil-pajjiżi kollha involuti; ifakkar li r-reġjuni amministrattivi ġeografikament maġenb il-fruntieri Russi u Belorussi jiffaċċjaw sfidi uniċi relatati direttament mal-prossimità tal-fruntiera; jirrikonoxxi, madankollu,*** li s-sempliċi prossimità ġeografika mal-fruntiera esterna tal-Lvant ma tistax tkun l-uniku kriterju ta' eliġibbiltà, peress li ma tirriflettix l-iskala reali tal-isfidi strutturali, demografiċi u ekonomiċi ta' kull reġjun;

Or. en

Emenda 325
Şerban Dimitrie Sturdza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandhom livelli differenti ta' vulnerabbiltà ekonomika, demografika, tas-sigurtà u territorjali u li l-ebda waħda mill-klassifikazzjonijiet territorjali eżistenti użati fil-politika ta' koeżjoni ma tkopri biżżejjed dawn id-differenzi; ***jissottolinja*** li l-ebda waħda mill-miżuri attwali ma tinkludi r-riskji għas-sigurtà bħala dimensjoni separata tal-koeżjoni territorjali; jirrimarka li s-sempliċi prossimità ġeografika mal-fruntiera esterna tal-Lvant ma tistax ***tkun l-uniku kriterju ta' eliġibbiltà, peress li ma tirriflettix l-iskala reali*** tal-isfidi strutturali, demografiċi u ekonomiċi ***ta' kull reġjun***;	12. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandhom livelli differenti ta' vulnerabbiltà ekonomika, demografika, tas-sigurtà u territorjali u li l-ebda waħda mill-klassifikazzjonijiet territorjali eżistenti użati fil-politika ta' koeżjoni ma tkopri biżżejjed dawn id-differenzi; ***jisħaq li l-oqsfa ta' analiżi u pprogrammar attwali ma jaqbdux biżżejjed l-impatt tal-pressjonijiet persistenti relatati mas-sigurtà dwar l-iżvilupp reġjonali u kundizzjonijiet ta' investiment peress*** li l-ebda waħda mill-miżuri attwali ma tinkludi r-riskji għas-sigurtà bħala dimensjoni separata tal-koeżjoni territorjali; jirrimarka li s-sempliċi prossimità ġeografika mal-fruntiera esterna tal-Lvant ma tistax ***tirrifletti b'mod adegwat id-diversità*** tal-isfidi strutturali, demografiċi u ekonomiċi ***li jaffettwaw dawn ir-reġjuni u l-esponiment tagħhom għal riskji ġeopolitiċi u, għalhekk, ma jistax ikun l-uniku kriterju ta' eliġibbiltà, iżda għandhom jitqiesu l-kontribut tar-reġjuni tagħhom għas-sigurtà u r-reżiljenza kemm tal-Unjoni u kemm tal-Istati Membri tagħha***;
	Or. en

Emenda 326
Dan-Ştefan Motreanu, Iuliu Winkler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandhom livelli differenti ta' vulnerabbiltà ekonomika, demografika, tas-sigurtà u territorjali u li l-ebda waħda mill-klassifikazzjonijiet territorjali eżistenti użati fil-politika ta' koeżjoni ma tkopri biżżejjed dawn id-differenzi; ***jissottolinja*** li l-ebda waħda mill-miżuri attwali ma	12. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant għandhom livelli differenti ta' vulnerabbiltà ekonomika, demografika, tas-sigurtà u territorjali u li l-ebda waħda mill-klassifikazzjonijiet territorjali eżistenti użati fil-politika ta' koeżjoni ma tkopri biżżejjed dawn id-differenzi; ***jisħaq li l-oqsfa ta' analiżi u pprogrammar attwali***

tinkludi r-riskji għas-sigurtà bħala dimensjoni separata tal-koeżjoni territorjali; jirrimarka li s-sempliċi prossimità ġeografika mal-fruntiera esterna tal-Lvant ma tistax ***tkun l-uniku kriterju ta' eliġibbiltà, peress li ma tirriflettix l-iskala reali*** tal-isfidi strutturali, demografiċi u ekonomiċi ***ta' kull reġjun***;

ma jaqbdux biżżejjed l-impatt ta' pressjonijiet persistenti relatati mas-sigurtà dwar l-iżvilupp reġjonali u kundizzjonijiet ta' investiment peress li l-ebda waħda mill-miżuri attwali ma tinkludi r-riskji għas-sigurtà bħala dimensjoni separata tal-koeżjoni territorjali; jirrimarka li s-sempliċi prossimità ġeografika mal-fruntiera esterna tal-Lvant ma tistax ***tirrifletti b'mod adegwat id-diversità*** tal-isfidi strutturali, demografiċi u ekonomiċi ***li jaffettwaw dawn ir-reġjuni u l-esponiment tagħhom għal riskji ġeopolitiċi u, għalhekk, ma jistax ikun l-uniku kriterju ta' eliġibbiltà, iżda għandhom jitqiesu l-kontribut tar-reġjuni għas-sigurtà u r-reżiljenza kemm tal-Unjoni u kemm tal-Istati Membri tagħha***;

Or. en

Emenda 327
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
